**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 77**
**It-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**SPTAR MATER DEI - DENTISTA TA' TFAL B'DIŻABILITÀ**

**4207. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li rriżenjat l-unika dentista tat-tfal b'diżabilità (u li bħalissa qiegħda taħdem in-notice) u jekk ingħatatx raġuni għalfejn qed tirriżenja? Jista' jgħid jekk hemmx replacement għal din id-dentista li kienet isservi tfal b'diżabilità fl-Isptar Mater Dei?

21/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-persuna msemmija minnu ġiet appuntata f'pożizzjoni full-time fl-Universita ta' Malta. Membri tat-tim dentali f'MDH se jkunu qed jieħdu responsabilità għall-kura dentali tal-pazjenti tagħha.

Seduta 77
17/01/2023

**PROFESSJONIJIET FIL-QASAM TAS-SAĦĦA MENTALI**

**4208. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' professjonisti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa mentali u xi professjoni jħaddnu?

21/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4277.

Seduta 77
17/01/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – ĦADDIEMA ĠODDA**

**4209. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reklutati ħaddiema ġodda mal-Awtorità tad-Djar matul is-snin 2021 u 2022? Jista' jgħid xi proċedura ntużat biex jidħlu dawn il-ħaddiema u minn liema lokalitajiet ġejjin, maqsuma lokalità b'lokalità, u bin-numru ta' ħaddiema ħdejn kull lokalità?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul s-sena 2021 ġew ingaġġati 37 impjegat filwaqt li fl-2022 ġew ingaġġati 19-il impjegat. Il-maġġoranza tal-impjegati ġew ingaġġati permess tal-proċedura '*Directive 7 – Delegation of Authority to effect Recruitment, Promotions and Industrial Relations in Public Sector entities*'.Kien hemm ukoll każijiet ta' detailing u re-deployment. Dawn huma l-lokalitajiet li minnhom ġejjin l-impjegati ingaġġati: Birżebbuġa, Għaxaq, Dingli, Gudja, Kalkara, Kerċem, Kirkop, Luqa, Marsa, Mellieħa, Mqabba, Munxar, Naxxar, Pembroke, Paola, Qormi, Qrendi, San Ġwann, Siġġiewi, St.Venera, Tarxien, Żabbar u Żebbuġ.

Seduta 77
17/01/2023

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI JGĦIXU F'AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**4210. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid fil-mument kemm hemm persuni b'diżabilità li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali u jekk hemmx minnhom li huma f'shared apartments?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba mhijiex disponibbli. L-Awtorità tad-Djar iżżomm informazzjoni kunfidenzjali dwar iċ-ċirkustanzi tal-familja bħal diżabilità fl-istadju tal-applikazzjoni u l-allokazzjoni biss.

Seduta 77
17/01/2023

**STALLAZZJONIJIET TA' LIFTS FI BLOKKI TAL-GVERN**

**4211. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il lift ġie installat fil-blokki tal-Gvern, matul is-snin 2020, 2021 u 2022? F'liema lokalitajiet ġew installati dawn il-liftijiet? Kemm hemm minnhom li tpoġġew iżda għadhom ma bdewx jintużaw minħabba li għadhom mhumiex jiffunzjonaw għax mitfija?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar installat 79 lift bejn is-snin 2020 - 2022 rispettivament hekk kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt. Dawn il-liftijiet ġew kollha attivati u mgħoddija lura lir-residenti jiffunzjonaw

| **2020 (19-il Lift)** | | **2021 (32 Lift)** | | **2022 (28 Lift)** | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Birkirkara | 1 | | |
| | | Għaxaq | 2 | Attard | 2 |
| Mosta | 2 | Gudja | 1 | Birkirkara | 3 |
| Paola | 1 | Giżra | 2 | Għaxaq | 1 |
| Qormi | 1 | Kalkara | 3 | Gudja | 1 |
| San Ġwann | 7 | Marsa | 4 | Lija | 1 |
| Santa Luċija | 2 | Mosta | 1 | Paola | 1 |
| Santa Venera | 1 | Qormi | 1 | Qormi | 1 |
| Ta' Xbiex | 2 | San Ġwann | 10 | Rabat | 5 |
| Valletta | 1 | Santa Luċija | 1 | San Ġwann | 4 |
| Zabbar | 1 | Santa Venera | 1 | Santa Luċija | 3 |
| Zurrieq | 1 | Ta' Xbiex | 2 | Siġġiewi | 2 |
| | | Victoria (Gozo) | 1 | Valletta | 3 |
| | | Żabbar | 1 | Żebbuġ | 1 |
| | | Żebbuġ | 1 | | |

Seduta 77
17/01/2023

**FAMILJI LI JGĦIXU F'POSTIJIET DILAPIDATI**

**4212. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il familja li jgħixu f'postijiet dilapidati ħadu post alternattiv mis-sena 2021 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda?

21/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari PQ 4226. Ta' minn jinnota wkoll li l-Awtorità tad-Djar toffri skemi li permezz tagħhom, inkwilin ikun jista' jagħmel xogħlijiet biex jirranġa l-proprjetà tiegħu u jneħħi xi periklu li jkun hemm.

Seduta 77
17/01/2023

**BAĠIT 2023 – LINE ITEM 5113 – TNAQQIS**

**4623. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għal-line item 5113, Sign Language Interpreters Training, fil-Baġit 2023, tista' l-Ministru tgħid x'wassal biex fl-2022 kien allokat €60,000 filwaqt li għall-2023 dan niżel għal €10,000?

29/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta saru l-evalwazzjonijiet tan-numru ta' sigħat meħtieġa u l-proċess marbut ma' dan it-taħriġ tas-sena 2022, is-somma ta' €10,000 hija biżżejjed biex tkopri l-ammont dovut għall-2023.

Seduta 77
17/01/2023

**ĦRUĠ TA' LIĊENZJI TAĦT L-ATT DWAR L-AĠENTI TAL-PROPRJETÀ IMMOBBLI U TAS-SENSARA U KONSULENTI TAL-PROPRJETÀ**

**4687. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Minn meta daħal l-Att dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli u tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjetà f'Lulju 2020, jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu liċenzji għal kull kategorija minn Diċembru 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

01/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari 4540.

Seduta 77
17/01/2023

**ĊITTADINANZA MALTIJA - APPLIKAZZJONIJIET RIFJUTATI**

**4688. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna li applikat biex issir ċittadina Maltija permezz tal-liġi ta' naturalizzazzjoni, l-applikazzjoni tagħha ġiet irrifjutata sena b'sena bejn l-2010 u l-2022? X'nazzjonalità kienu dawn l-applikanti? Jista' jgħid x'inhu l-ġeneru tagħhom u l-istatus tagħhom f'Malta?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul dan il-perjodu ġew rifjutati 1372 applikazzjonijiet ta' dipendenti ta' persuni msemmija fit-tabella ta' hawn taħt. Dwar l-istatus tal-pożizzjoni ta' immigrazzjoni ta' persuni li l-applikazzjoni tagħhom tiġi rifjutata, infurmat li din ma tiġix affettwata minn din id-deċiżjoni sakemm dawn ikollhom id-dritt li joqogħdu hawn.

| | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| **2010** | 4 | 1 | 5 |
| **2011** | 4 | 1 | 5 |
| **2012** | 9 | 2 | 11 |
| **2013** | 1 | 3 | 4 |
| **2014** | 0 | 4 | 4 |
| **2015** | 47 | 6 | 53 |
| **2016** | 319 | 82 | 401 |
| **2017** | 193 | 94 | 287 |
| **2018** | 218 | 115 | 333 |
| **2019** | 214 | 101 | 315 |
| **2020** | 205 | 348 | 553 |
| **2021** | 266 | 155 | 421 |
| **2022** | 284 | 55 | 339 |

Dawn il-persuni kellhom iċ-ċittadinanza ta' dawn il-pajjiżi:Albania, Algeria, Antigua and Barbuda, Argentina, Armenia, Australia, Austria, Azerbaijan, Bahrain, Bangladesh, Belgium, Belarus, Bissau-Guinea, Bosnia, Brazil, United Kingdom, Bulgaria, Burkina Faso, Cambodia, Cameroon, Canada, Chad, China, Congo, Croatia, Cyprus, Czech Republic, Denmark, Democratic Republic of Congo, Dominican Commonwealth, Netherlands, Egypt, Eritrea, Ethiopia, Philippines, France, Gabon, Georgia, Germany, Ghana, Greece, Grenada, Guatemala, Guinea, Hungary, India, Indonesia, Iran, Iraq, Israel, Italy, Cote d'Ivoire, Jamaica, Japan, Jordan, Kazakhstan, Kenya, Kurdistan, Kyrgyzstan, Latvia, Lebanon, Liberia, Libya, Lithuania, Macedonia, Malaysia, Mali, Mauritius, Mexico, Moldovia, Morocco, New Zealand, Nicaragua , Nigeria, Pakistan, Palestine, Peru, Poland, Portugal, Romania, Russia, Saudi Arabia, Senegal, Serbia, Seychelles, Sierra Leon, Sri Lanka, Slovakia, Somalia, South Africa, Spain, Sudan, Sweden, Switzerland, Syria, Thailand, Togo , Tunisia, Turkey, Ukraine, USA, Uzbekistan, Venezuela, Yemen, Zimbabwe.

Seduta 77
17/01/2023

**ĊITTADINANZA - PERSUNI LI TNEĦĦITILHOM IĊ-ĊITTADINANZA**

**4689. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tneħħitilha ċ-ċittadinanza, sena b'sena bejn l-2012 u l-2022? X'kienu n-nazzjonalitajiet, l-età u l-ġeneru ta' dawn il-persuni li tilfu ċ-ċittadinanza Maltija? Kien hemm riskju ta' statelessness?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li mill-2012 sal-2018 ma kien l-ebda privazzjoni ta' ċittadinanza Maltija u bejn l-2019 u l-2022 il-Privazzjoni taċ-Ċittadinanza Maltija kienet hekk kif tidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **2019** | | | |
|---|---|---|---|
| | Nazzjonalità | Ġeneru | Età |
| 1 | Eġizjana | M | 53 |
| 2 | Sirjana | M | 50 |
| 3 | Eġizjana | M | 54 |
| 4 | Eġizjana | M | 47 |
| | | | |
| **2020** | | | |
| 5 | Alġerina | M | 48 |
| 6 | Tuneżina | M | 50 |
| 7 | St Christopher (St Kitts) & Nevis | M | 60 |
| 8 | St Christopher (St Kitts) & Nevis | F | 59 |
| 9 | St Christopher (St Kitts) & Nevis | F | 31 |
| 10 | St Christopher (St Kitts) & Nevis | M | 30 |
| 11 | Ċiniża | M | 56 |
| | | | |
| **2021** | | | |
| 12 | Tuneżina | M | 44 |
| 13 | Sirjana | M | 53 |
| 14 | Russa | M | 56 |
| | | | |

Seduta 77
17/01/2023

**1954 CONVENTION RELATING TO THE STATUS OF STATELESS PERSONS – DĦUL FIS-SEĦĦ**

**4690. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta se tkun qed tidħol fis-seħħ il-liġi tal-istateless determination procedure kif previst mill-'*1954 Convention relating to the Status of Stateless Persons*' li ġiet aċċettata minn Malta f'Diċembru 2019?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-'*1954 Convention relating to the Status of Stateless Persons*' ma timponix obbligu fuq Malta li tgħaddi liġi li tipprovdi għal mekkaniżmu sabiex ikun determinat jekk persuna tkunx apolidi. Bħalissa għaddejjin taħdidiet interni dwar kif l-aħjar jkun introdott mekkaniżmu amministrattiv li jkun effiċjenti u effettiv biex jaqdi dan il-għan.

Seduta 77
17/01/2023

**MOU FFIRMAT MAL-LIBJA**

**4691. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' Annex A mill-MOU li ġie ffirmat mal-Libja? Jista' l-Ministru jippreżenta rapport b'riżultat, inkluż dawk finanzjarji, tal-MOU ffirmat mal-Libja?

01/12/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma nistax inkun f'qagħda nwieġeb din id-domanda diment li ma jkunx speċifikat għal-liema MOU mal-Libja qed issir referenza.

Seduta 77
17/01/2023

**RIŻENJI TA' DIRETTUR**

**4799. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar ġimgħat kienx hemm riżenja ta' direttur u jekk iva, ta' liema direttorat u min fil-preżent qed jaqdi l-funzjonijiet ta' dan id-direttorat? Jista' jgħid fiex wasal il-proċess biex jiġi ingaġġat direttur ġdid?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2022 kien hemm riżenja tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi. Bħalisssa għaddej il-proċess ta' mili ta' vakanzi ta' Diretturi biċ-Ċirkolari OPM16/2022.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - DIRETTURI ĠENERALI, DIRETTURI U ASSISTENTI DIRETTURI**

**4800. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4086 kollha kemm hi (intera) u jgħid ukoll jekk fl-aħħar ġimgħat inħarġux calls biex jiżdiedu Diretturi jew Assistenti Diretturi ġodda? Jekk iva, għaliex inħasset il-ħtieġa li jkomplu jiżdiedu?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalisssa għaddej il-proċess ta' mili ta' vakanzi ta' Headship Positions biċ-Ċirkolari OPM16/2022.

Seduta 77
17/01/2023

**GĦAWDEX – SHEEP FARMS**

**4801. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4074, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-lokalitajiet f'Għawdex fejn ġew approvati t-30 sheep farm fl-aħħar seba' snin kif ukoll il-lokalitajiet fejn jinsabu l-21 applikazzjoni pendenti għal sheep farms f'Għawdex? Jista' jgħid kemm hi l-kapaċità ta' kull sheep farm u ċjoè kemm ġie indikat f'kull applikazzjoni li ġiet approvata u dawk li għadhom pendenti li se jkunu jistgħu jinżammu nagħaġ fihom kull wieħed minn dawn il-farms?

06/12/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninforma wkoll li ma tinżammx informazzjoni dwar kemm jinżammu nagħaġ.

Seduta 77
17/01/2023

**MCA - ĦADDIEMA**

**4859. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4160, dwar professjonisti fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), jista' l-Ministru jagħti s-segwenti tagħrif u ċjoè n-numru ta':

a. ekonomisti;
b. accountants;
c. avukati;
d. inġiniera;
e. periti;
f. jekk hemm professjonisti oħra x'inhi l-professjoni tagħhom u kemm huma u f'kull każ jista' l-Ministru jgħid kemm ilhom jaħdmu mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA)?

12/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-profesjonisti tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) huma kif indikati fit-tabella t'hawn taħt:

| **Professjoni** | **Numru** | **Qasam regolatorju** |
|---|---|---|
| Inġiniera | 10 | Qasam tas-servizz tal-komunikazzjonijiet elettroniċi |
| Avukati | 3 | Oqsma kollha li jaqgħu taħt il-mandat regolatorju tal-Awtorità |
| Accountant | 1 | Oqsma kollha li jaqgħu taħt il-mandat regolatorju tal-Awtorità |
| Accountants | 2 | Oqsma amministrattivi u finanzjarji ġenerali |

Seduta 77
17/01/2023

**GĦAWDEX – PROĠETT GĦAL TRIQ ĠDIDA BEJN IL-PORT TAL-IMĠARR U TRIQ IL-MADONNA TA' LOURDES F'GĦAJNSIELEM**

**4860. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett propost fil-Baġit 2019 għal triq ġdida bejn il-Port tal-Imġarr Għawdex u Triq il-Madonna ta' Lourdes f'Għajnsielem (triq alternattiva għall-Port tal-Imġarr)? Jista jgħid x'sar matul is-sena 2022 fuq dan il-proġett u kemm intefqu flus matul din is-sena fuq dan il-proġett u għal xiex intefqu?

12/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 22730.

Seduta 77
17/01/2023

**MGA - ĦADDIEMA**

**4861. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4159 dwar professjonisti fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA), jista' l-Ministru jagħti s-segwenti tagħrif u ċjoè n-numru ta':

a. ekonomisti;
b. accountants;
c. avukati;
d. inġiniera;
e. periti;
f. jekk hemm professjonisti oħra x'inhi l-professjoni tagħhom u kemm inhuma u f'kull każ jista' l-Ministru jgħid kemm ilhom jaħdmu mal-MGA?

12/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-profesjonisti tal-Awtorità ta' Malta għal-Logħob (MGA) huma kif indikati hawn taħt:

| **Profesjoni** | **Numru** | **Qasam Regolatorju** |
|---|---|---|
| Avukati | 1 | Kap Eżekuttiv |
| | 1 | Head Affarijiet Legali u Regolatorji |
| | 1 | Head Affarijiet Legali u Infurzar |
| | 4 | Dipartiment ta' Policy u relazzjonijiet Internazzjonali |
| | 3 | Dipartiment Legal u Infurzar |
| | 2 | Ricerka ta' Due Diligence |
| | 1 | Logħob Responsabbli u Sapport tal-Ġukatur |

| | | |
|---|---|---|
| Inġieniera | 2 | Informazzjoni u Mmaniġġjar tad-Data |
| | 4 | Dipartiment tal-Eċċellenza fl-Operat u Trasformazzjoni tal-Business |

Seduta 77
17/01/2023

**PAGA MEDJA TA' ĊITTADINITA' PAJJIŻI TERZI B'PERMEZZ TAX-XOGĦOL**

**4961. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-paga medja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permess tax-xogħol f'Malta llum?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sors ta' din l-informazzjoni huwa l-Istħarriġ dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (LFS).
Is-salarju nħadem abbażi tal-basic salary annwali (average annual basic salary). L-ammonti ma jinkludux dħul minn overtime, bonuses jew allowances.

Il-paga medja ta' ċittadini ta' pajjizi terzi, fl-ewwel 9 xhur tas-sena 2022 hi €18,290.
Din tinkludi kemm impjegati li jaħdmu full-time u anke part-time jew full-time with reduced hours. Din l-informazzjoni mhix disponibbli għal persuni li jaħdmu għal rashom.

Seduta 77
17/01/2023

**JOBSPLUS – KUNTRATTI TAX-XOGĦOL REĠISTRATI**

**4962. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm reġistrati kuntratti tax-xogħol ma’ Jobsplus? Kemm hawn persuni reġistrati li jaħdmu bi qliegħ f’Malta u Għawdex illum?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li Jobsplus ma tirreġistrax kuntratti tax-xogħol. Skont l-formoli tal-bidu tal-impjieg hawn taħt issib tabella li turi kemm kien hemm persuni reġistrati li jaħdmu fuq bażi ta’ full-time u part-time only f’Malta u Għawdex sal-aħħar ta’ Awwissu 2022.

| Full-Time | Part-Time Only | Total |
|---|---|---|
| 255,141 | 35,884 | 291,025 |

L-aħħar ċifri ppublikati huma ta’ Awwissu 2022.

Seduta 77
17/01/2023

**JOBSPLUS – ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI – KUNTRATTI TAX-XOGĦOL REĠISTRATI**

**4963. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom kuntratti tax-xogħol reġistrati ma' JobsPlus?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li Jobsplus ma tirreġistrax kuntratti tax-xogħol.

Seduta 77
17/01/2023

**NSO – ĦADDIEMA LI JAQILGĦU INQAS MILL-PAGA MEDJA**

**4964. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hu l-perċentwal ta’ ħaddiema li jaqilgħu inqas mill-paga medja skont kif irreġistrati mill-NSO fl-aħħar labor force survey?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-sors ta’ din l-informazzjoni huwa l-Istħarrig dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (LFS). Is-salarju nħadem abbażi tal-basic salary annwali (average annual basic salary). L-ammonti ma jinkludux dħul minn overtime, bonuses jew allowances.
In-numru ta’ impjegati li jaqilgħu inqas minn €21,156 bejn Lulju u Settembru 2022 kien ta’ 134,662 għall-persuni full-time u 16,155 għall-persuni part-time jew full-time reduced hours.
Din l-informazzjoni mhix disponibbli għal persuni li jaħdmu għal rashom.

Seduta 77
17/01/2023

**ĦADDIEMA LI TILFU L-IMPJIEG**

**4965. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati li tilfu l-impjieg matul l-aħħar tliet xhur tas-sena 2022?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont il-formoli tat-tmiem tal-impjieg li tirċievi Jobsplus, in-numru ta' impjegati li tilfu l-impjieg (redundant) fl-aħħar tliet xhur tas-sena 2022 kien ta 672.

Seduta 77
17/01/2023

**NEGOZJI B'TENDER MAL-GVERN – IMPJEGATI - TRANSFERS**

**4966. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni qed issir biex ikun żgurat li jekk ikun hemm trasferiment ta' negozju b'tender tal-Gvern, l-impjegati kollha jiġu trasferiti bl-istess paga, bl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u sinjorità?

30/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 77
17/01/2023

**DJAR TAL-ANZJANI - DISPENSERS TAL-ILMA**

**5079. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jikkonsidra li fid-Djar tal-Anzjani, għall-anqas dawk li huma mmexxija mill-Gvern jew fejn il-Gvern għandu interess, isiru dispensers tal-ilma?

09/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ilma fil-flixkun jingħata lil kull resident. Huwa importanti li l-użu tal-ilma f'ċerti każi jiġi superviżjonat. Id-dispensers tal-ilma ġewwa d-Djar tal-Anzjani mhumiex rakkomandati għaliex dawn jintlaħqu minn kulħadd, u jistgħu jkunu ta' periklu għar-residenti li għandhom bżonn li l-ilma li jixorbu jiġi miżjud b'thickener.

Seduta 77
17/01/2023

**MARSASKALA - TRIQ DE ROHAN - TISWIJIET**

**5080. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li tiġi rranġata Triq De Rohan ġewwa Marsaskala?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'taħdidiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' toroq residenzjali li se jkunu qed isiru f'kull lokalità matul is-snin li ġejjin. Sadattant il-manutenzjoni tat-toroq residenzjali jaqgħu taħt ir-reponsabbiltà tal-Kunsilli Lokali rispettivi.

Seduta 77
17/01/2023

**TAL-BARRANI - PROĠETT**

**5081. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi ħsieb li jsir xi proġett fi Triq Tal-Barrani li tmiss ma' diversi bliet u rħula fin-naħa t'isfel ta' Malta? Jista' jgħid ukoll jekk il-barriers tal-konkos hux se jibqgħu f'din it-triq għal żmien indefinit jew sakemm isir dan l-eventwali proġett?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta, sabiex ittejjeb l-effiċjenza u s-sigurtà ta' Triq tal-Barrani, qed tipprepara biex tibda l-proġett relatat ma' din it-triq fit-tieni parti tas-sena, hekk kif ikun lest il-proġett tal KTAIP. Il-barrikati tal-konkos li kienu tpoġġew fil-'junctions' tal 'lights' kienu minn dejjem maħsuba bħala intervent temporanju.

Seduta 77
17/01/2023

**BASTIMENTI - GPRS**

**5082. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3289, jista' l-Ministru jagħti wkoll il-pożizzjoni tal-GPRS għal kull bastiment tas-sajjieda?

09/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEJTUN - TRIQ IL-PRESIDENT ANTON BUTTIGIEG**

**5083. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2722, jista' l-Ministru jgħid jekk il-laqgħa mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun dwar Triq il-President Anton Buttigieg fl-istess lokalità saritx jew le? Jekk fl-affermattiv, x'kien l-eżitu ta' din il-laqgħa?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport għamlet xi tibdiliet li ġew proposti u diskussi biex titjieb is-sigurtà tat-triq hawn fuq imsemmija. Kif dawn il-proposti jiġu approvati se jiġu implimentati.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - REMOTE WORKING**

**5091. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working u teleworking jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartiment u s-servizzi li jrid jingħata.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - TELEWORKING**

**5092. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

09/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working u teleworking jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartiment u s-servizzi li jrid jingħata.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – REMOTE WORKING**

**5093. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

09/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – TELEWORKING**

**5094. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

09/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għat-teleworking jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 77
17/01/2023

**SKEDA ĠDIDA TA' ĠBIR TAL-ISKART**

**5103. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex il-ħsieb li l-iskeda tal-ġbir tal-iskart il-ġdida tibda tapplika wkoll għall-entitajiet kummerċjali?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-ġbir tal-iskart muniċipali huwa responsabbiltà tar-Reġjuni. Ninsab infurmata li fejn jidħlu entitajiet kummerċjali jekk l-iskart li jiġġeneraw huwa simili għal dak iġġenerat mir-residenzi allura l-ġbir ta' dan l-iskart jimxi ma l-iskeda nazzjonali.

Jekk entitajiet kummerċjali jixtiequ ġbir addizzjonali dawn għandhom jagħmlu arranġamenti privati tagħhom. Ċerta stabbilimenti tal-ikel għandhom l-obbligu, li joħroġ mil-liċenzja tagħhom, sabiex jagħmlu l-arranġamenti tagħhom għal ġbir ta' skart li huma jiġġeneraw u li ma jkunx ta' natura muniċipali.

Seduta 77
17/01/2023

**ĠBIR TAL-ISKART F'FESTI PUBBLIĊI**

**5104. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-ġbir tal-iskart, skont it-tibdil li sar mit-2 ta' Jannar 2023, hux se jsir fil-festi pubbliċi wkoll?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 77
17/01/2023

**MAGNI TAD-DEPOŻITU TAL-FLIEXKEN RIĊIKLABBLI**

**5105. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li jiżdiedu aktar postijiet fejn ikun hemm il-magni tad-depożitu tal-fliexken riċiklabbli tal-BCRS? U jekk iva, fejn u meta se jsiru?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-operatur tal-iskema, BCRS Malta Ltd, huwa operatur privat. Bħala Gvern qegħdin naraw li issues li jinqalgħu jiġu indirizzati malajr kemm jista' jkun, inkluż ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu magni addizzjonali.

Ninsab infurmata li se jkunu installati magni f'Cospicua, Mosta, Ta' Xbiex, Birkirkara (Ta' Paris), Naxxar, Marsa, Valletta, Sta. Luċija, Xagħra, Senglea u l-Armier.

L-installazzjoni ta' dawn il-magni flimkien mal-permessi neċessarji mill-entitajiet ikkonċernati mistennija jitlestew fl-ewwel kwart ta' din is-sena.

Seduta 77
17/01/2023

**PROĠETT TAL-ĠNIEN ROMEO ROMANO**

**5106. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-ispejjeż kollha li saru fil-Ġnien Romeo Romano fil-proġett li sar fis-sena 2022?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq l-ewwel fażi tar-riabilitazzjoni ta' Ġnien Romeo Romano se jkunu swew mat-tmien mija u sitta u sebgħin elf ewro.
Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, ir-restawr, pavimentar ġdid, servizzi, irrigazzjoni, dawl, siġar u arbuxelli, għamara tal-ġnien u strutturi oħra, u tagħmir tal-logħob.

Tlestew ukoll xogħlijiet oħra relatati mal-provvista tal-elettriku, is-sistema tad-drenaġġ għat-tieni fażi u alterazzjonijiet fi struttura perikoluża. Dawn ix-xogħlijiet swew madwar tlieta u erbgħin elf ewro.

Seduta 77
17/01/2023

**BELT VALLETTA - SKEDA TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

**5107. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għalfejn skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart passati, fil-Belt Valletta kien isir ġbir fil-ħinijiet tas-7 a.m., tas-1 p.m. jew tat-3 p.m., skont it-tip ta' ġbir, iżda skont l-iskeda l-ġdida li bdiet mit-2 ta' Jannar 2023, dan il-ġbir se jibda jsir kollu fis-2.30 p.m.? Ma' min saru konsultazzjonijiet għal tali tibdil u x'inhi r-raġuni?

10/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 77
17/01/2023

**TRASPORT MALTA – REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI**

**5108. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vettura rreġistrata hawn fit-toroq Maltin preżentement, u fl-istess waqt f'numri reali jgħid kemm hemm minnhom li huma proprjetà tal-Gvern ta' Malta?

10/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV - KUNTRATT**

**5114. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4639, 4832 u 4927 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li kellu l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), li ismu qed jintbagħat separatament?

10/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kuntratt li kellu l-Kap Eżekuttiv ma jistax jiġi ppubblikat minħabba informazzjoni kunfidenzjali.
Id-dettalji tal-pakkett finanzjarju ngħataw f'mistoqsija parlamentari 3591. Il-ħlas li ngħata wara r-riżenja tiegħu minn Kap Eżekuttiv kien marbut ma' konsulenza fuq xogħol li kien inbeda waqt it-terminu tiegħu bħala Kap Eżekuttiv u kien importanti li jiġi mitmum taħt is-superviżjoni tiegħu.

Seduta 77
17/01/2023

**MFSA – MINUTI TA' LAQGĦA TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**5115. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4640 u 4833 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Minuti tal-Laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), li fiha ġew approvati l-pagamenti li l-Eks Kap Eżekuttiv tal-MFSA, li ismu qed jintbagħat separatament, għadu qed jingħata fix-xahar?

10/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi huma ta' natura kunfidenzjali.

Seduta 77
17/01/2023

**TRANSPORT MALTA - TALBIET GĦAL BERTH FIL-MARINAS**

**5141. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont ta' talbiet li hemm fuq il-waiting list għal berth fil-marinas tagħna?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**ISLA – TRIQ IL-VITORJA - XOGĦLIJIET**

**5142. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jkun lest ix-xogħol fuq Triq il-Vitorja, l-Isla?

11/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta bħalissa għaddejjin xogħlijiet fuq l-ewwel fażi tat-triq. Ix-xogħlijiet jikkonsistu fi trinek għal servizzi ġodda minn entitajiet differenti, bankini, skavar u bini tat-triq mill-ġdid. Minħabba l-valur storiku tal-lokalita', arkeologu qed jimmonitorja x-xogħlijiet filwaqt li qed issir komunikazzjoni kontinwa mal-awtorità rispettiva. Ix-xogħlijiet huma previsti li jitlestew sa sitt xhur oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**BORMLA – RAMPA QUDDIEM IL-ĠIBJUN TA' SANTA LIENA**

**5143. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tikkonsidra li r-rampa li hemm quddiem il-ġibjun ta' Santa Liena, Bormla ssir xi hanging garden sabiex ma jibqax jikber ħaxix selvaġġ?

11/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-art indikata ma taqax taħt ir-responsabiltà tal-Ministeru, madanakollu ser isiru l-investigazzjonijiet meħtieġa biex jiġi stabbilit l-potenzjal u l-limitazzjonijiet ta' dan is-sit.

Seduta 77
17/01/2023

**ĠNIEN KOTTONERA - RIABILITAZZJONI**

**5144. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex pjanijiet sabiex Ġnien Kottonera jiġi rijabilitat sabiex ikun jista' jitgawda mill-familji? Jekk fl-affermattiv, meta taħseb li jista' jibda dan ix-xogħol?

11/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru x- xogħlijiet preparatorji li kienu jinkludu tneħħija ta' bandli u strutturi mkissrin, qtugħ ta' ħaxix kif ukoll tneħħija ta' siġar u arbuxelli aljeni u invażivi.
Dan ix-xogħol preparatorju tlesta sat-tielet kwart ta` sena 2022 u tkompla jkun mantenut. Peress li dan il-proġett se jkun imqassam f'diversi fażijiet, fl-aħħar kwart tas-sena l-oħra ġiet sottomessa l-ewwel applikazzjoni lil Awtorità tal-Ippjanar biex jinħarġu l-permessi meħtieġa biex il-post isir aktar sigur.

Sadanittant qiegħdin ukoll ikunu ppreparati l-abbozzi preliminari tas-sejħiet għall-offerti meħtieġa. Il-mira tagħna hija li x-xogħlijiet fuq dan il-proġett jitlestew qabel l-aħħar tas-sena d-dieħla.

Seduta 77
17/01/2023

**RAĦAL ĠDID – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5166. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni residenti Raħal Ġdid qegħdin jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 1,989 persuna li bbenefikaw minn pensjoni tas-sigurtà soċjali. Minnhom kien hemm 1,063 raġel filwaqt li kien hemm 926 mara.

Seduta 77
17/01/2023

**BORMLA – KNISJA TA' SAN PAWL – RESTAWR U TINDIF**

**5167. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk jistax jiġi inkluż li l-Knisja ta' San Pawl f'Bormla tiġi restawrata u mnaddfa minn barra tul din is-sena?

12/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li r-restawr tal-Knisja ta' San Pawl f'Bormla, speċifikament ir-restawr tal-Koppla minn barra, hu proġett li kien diġà ppjanat għal din is-sena. Infurmat li x-xogħlijiet ta' tħejjija huma avvanzati u mistenni li toħroġ is-sejħa għall-offerti fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 77
17/01/2023

**ŻEJTUN – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5168. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni residenti ż-Żejtun qegħdin jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 2,678 persuna li bbenefikaw minn pensjoni tas-sigurtà soċjali. Minnhom kien hemm 1,491 raġel filwaqt li kien hemm 1,187 mara.

Seduta 77
17/01/2023

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER TAL-KNISJA PARROKKJALI**

**5169. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3483 u 5038, jista' l-Ministru jindika xi progress sar dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza u z-Zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien?

12/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fażi ta' preparazzjoni tal-proġett għadha għaddejja kif kien indikat fir-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari nru 5038. F'din il-fażi qed isiru konsultazzjonijiet mal-entitajiet kollha tas-servizzi pubbliċi dwar proposti ta' renovar li jista' jkollhom ippjanati għas-servizzi tagħhom. Apparti minn hekk, kif id-disinn ikun komplut, dan ser jgħaddi għand il-kunsill lokali għall-approvazzjoni finali.

Seduta 77
17/01/2023

**ĦAL TARXIEN – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5170. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4470 u jgħid kemm persuni residenti Ħal Tarxien qed jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jistax jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari numru 5161.

Seduta 77
17/01/2023

**WIED IL-GĦAJN – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**5171. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni residenti Wied il-Għajn qegħdin jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jindika s-sess tal-istess?

12/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 1,982 persuna li bbenefikaw minn pensjoni tas-sigurtà soċjali. Minnhom kien hemm 1,076 raġel filwaqt li kien hemm 906 nisa.

Seduta 77
17/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ/MOLL TAĦT TRIQ SAN PAWL - MANUTENZJONI**

**5181. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex it-triq/moll li jinsab taħt it-triq prinċipali (Triq San Pawl) u li jwassal sal-Veċċja (il-parti fejn hemm il-luzzijiet), jiġi rranġat qabel jitkisser iktar, hekk kif dan qiegħed ta' periklu għal kull min irid jgħaddi minn hawnhekk?

13/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li riċentament l-Aġenzija għamlet intervent fuq dan il-moll sabiex tissewwa ħsara lokalizzata. Barra minn hekk, ix-xogħol ta' tiswija ta' dan il-moll/triq qiegħdha fil-lista ta' xogħlijiet ta' Infrastructure Malta li huma ppjanati li jitwettqu fil-futur qarib.

Seduta 77
17/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ/MOLL TAĦT TRIQ SAN PAWL - MANUTENZJONI**

**5182. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex it-triq/moll li jinsab taħt it-triq prinċipali (Triq San Pawl) u li jwassal sal-Veċċja (il-parti fejn hemm il-luzzijiet), jiġi rranġat qabel jitkisser iktar, hekk kif dan qiegħed ta' periklu għal kull min irid jgħaddi minn hawnhekk?

13/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex iressaq din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 77
17/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL LI SE JITWETTAQ MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU**

**5183. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3296 dwar xogħol li se jitwettaq mill-Ministeru għat-Turiżmu f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid meta se jinbeda l-Proġett tal-Belveder fi Triq San Publju? Meta hu ppjanat li dan il-proġett jitlesta?

13/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kif diġà spjegat fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 3296, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qed taħdem ma' aġenziji oħra fuq dan il-proġett. Kif il-proċessi kollha jkun iffinalizzati, ikun jista' jibda l-proġett.

Seduta 77
17/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IX-XAGĦRA TAL-BANDIERI – TQEGĦID TA' MAIN ĠDID TAD-DRENAĠĠ**

**5184. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jitqiegħed xi main ġdid tad-drenaġġ fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, San Pawl il-Baħar jew qrib l-istess triq? Jekk iva, fiex se jkun jikkonsisti dan ix-xogħol? Meta hu mistenni li jsir dan ix-xogħol? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' minn fejn se jkun qiegħed jgħaddi dan il-main?

13/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li ser isir mejn ġdid tad-drenaġġ biex jissostitwixxi il-mejn li ġarrab ħsarat fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, San Pawl. Filwaqt li għaddejja inkjesta fuq is-sit fejn iġġarrfet it-triq, l-Infrastructure Malta bħalissa għaddejja b'xogħlijiet biex jistabilizzaw it-triq qabel ma jissoktaw aktar interventi, fosthom il-bdil tal-mejn. Fl-istess waqt Il-WSC qed jikkonkludi d-disinn tal-mejn li tinkludi r-rotta li dan se jkun qed jieħu.

Seduta 77
17/01/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**5185. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1418, 4807 u 4808 dwar bozoz f'Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tintervjeni sabiex tinstab soluzzjoni għar-residenti biex ikun hemm iktar dawl f'din iż-żona, hekk kif jidher li l-Kunsill Lokali ma jistax isib soluzzjoni għal din il-problema?

13/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 4808. *In oltre*l-Enemalta tkun tista' żżid il-bozoz f'din żona jekk il-Kunsill Lokali japplika biex jżid iktar bozoz u jindika fuq pjanta fejn hemm l-ħtieġa li jiġu installati, u wara li tkun saret evalwazzjoni teknika tal-possibilità li jitwaħħal id-dawl indikat.

Seduta 77
17/01/2023

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – ĠBIR TA' SKART MILL-ĦADDIEMA TAD-DIVIŻJONI TAT-TINDIF U MANUTENZJONI**

**5186. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont ta' skart li nġabar mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni b'mod separat għal kull lokalità tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar fl-ewwel għaxart ijiem ta' din is-sena? Jista' jgħid jekk l-iskart ġiex miġbur kollu f'salt inkella separatament skont it-tip ta' skart mormi? Fejn tpoġġa dan l-iskart u min se jħallas għal dan il-ġbir addizzjonali?

13/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-servizz ta' ġbir ta' skart addizzjonali li qed toffri d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni huwa temporanju sakemm tindara l-bidla fl-skeda ġdida ta' ġbir ta' skart madwar il-pajjiż kollu.
L-iskart li qed jinġabar qed jiġi separat fil-kumpless tad-Diviżjoni ġewwa Kordin.
L-iskart miġbur bejn it-2 u t-12 ta Jannar jammonta għal 148 tunellata u maqsum kif ġej :
· San Pawl il-Baħar – 78% (108 tunellati)
· Naxxar – 7.2% (18-il tunellata)
· Mellieħa – 14.8% (22 tunellata).

L-ispiża ta' dan is-servizz ser tiġi assorbita mid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni.

Seduta 77
17/01/2023

**BORD TAL-INĠINERIJA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAL WARRANT**

**5198. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għall-warrant ta' Inġiniera li qed jistennew biex jidhru quddiem il-Bord tal-Inġinerija?

13/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 77
17/01/2023

**IL-FGURA – TRIQ L-GĦOLLIEQ U TRIQ ĦAŻ-ŻABBAR – KAŻ TA' AZZJONI TA' INFURZAR**

**5199. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni effettiva qed tittieħed dwar il-każ ta' azzjoni ta' infurzar b'referenza għall-binja, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, fejn b'mod abbużiv jidher li ġie okkupat passaġġ pubbliku li jgħaqqad Triq l-Għollieq ma' Triq Ħaż-Żabbar, fil-Fgura, liema passaġġ pubbliku huwa anke kkonfermat mill-pjanta ta' "street alignment" tal-Awtorita tal-Ippjanar li qed tingħata separatament?

13/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq is-sit inkwistjoni hemm permess approvat, PA515/22, li jippermetti alterazzjonijiet interni f'kull livell kif ukoll sulari ġodda. F'dan il-każ, sar ħajt temporanju 'hoarding' biex ma jħallix lill-pubbliku jgħaddi mill-passaġġ sakemm isiru ix-xogħlijiet u jiġi evitat kull periklu, minħabba li dan issa sar sit ta' kostruzzjoni.

Seduta 77
17/01/2023

**KUMPANIJI GĦAT-TRASPORT GĦALL-PUBBLIKU U GĦAL TRASPORT TA' MERKANZIJA - SUSSIDJU**

**5200. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm u lil min il-Gvern qed jagħti sussidju, kemm kumpaniji tat-trasport għall-pubbliku, kif ukoll tal-merkanzija u dan għal kull mezz ta' trasport bl-ajru, l-art jew il-baħar?

13/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**MCST – PROGRAMMI JEW PROĠETTI**

**5201. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' programmi jew proġetti li ġew offruti mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) matul is-snin 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm applikazzjonijiet sottomessi għal kull wieħed minnhom, kemm minn dawn il-proposti kienu ta' standard tajjeb biżżejjed sabiex setgħu ġew awarded il-fondi u kemm ġew milqugħin proposti għal kull proġett jew programm?

13/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 77
17/01/2023

**EŻERĊIZZJU TA' MAPPING FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI**

**5202. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport jew estratt minnu li juri l-eżerċizzju ta' mapping dwar is-sitwazzjoni kurrenti fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni sabiex fuqu ġiet mibnija l-istrateġija ppreżentata għas-snin 2023-2027?

13/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 77
17/01/2023

**RESIDENZI TAL-ANZJANI - SODOD TAL-GVERN MIKRIJIN GĦAND IL-PRIVAT**

**5203. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu sodod il-Gvern mikrija għand il-privat għar-residenzi tal-anzjani u fejn? Jista' jgħid kemm minn dawn is-sodod huma vakanti u x'inhu l-pjan biex il-Gvern ikollu aktar sodod available?

13/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern m'għandux sodod tiegħu mikrija għand il-privat għar-residenzi tal-anzjani. Il-Gvern jikri mingħand il-privat u bħalissa hemm total ta' 2,584 sodda mixtrija mill-Gvern fi 18-il dar. Kull meta jkun hemm sodda vakanti, din timtela mill-ewwel.

Seduta 77
17/01/2023

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA TAL-GVERN - SERVIZZ TA' TABIB**

**5204. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi ħsieb li jibda jingħata s-servizz ta' Tabib (General Practitioner) fil-Polikinici tal-Gvern, apparti dawk ta' Raħal Ġdid, Mosta u Floriana bejn it-8 p.m. u 8 a.m.?

13/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dipartiment tal-kura primarja qiegħed jikkonsidra l-possibilità ta' żieda fil-ħin tas-servizz mit-tobba tal-familja ladarba jibda jopera l-Hub Ċensu Moran.

Seduta 77
17/01/2023

**MINISTERI/DIPARTIMENTI TAL-GVERN – UŻU TA' VETTURI**

**5205. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jindika, Ministeru Ministeru u/jew Dipartiment Dipartiment, kemm kull Ministeru u/jew Dipartiment juża vetturi?

13/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-flotta tal-vetturi fil-preżent hija komposta kif ġej:

| Ministeru | Vetturi |
|---|---|
| MFT | 17 |
| MPWP | 35 |
| MTIP | 7 |
| MEEE | 16 |
| MAFA | 66 |
| MEFL | 16 |
| MFE | 54 |
| MFET | 7 |
| MEYR | 46 |
| MFH | 28 |
| MFAA | 17 |
| MGOZ | 24 |
| MHAL | 8 |
| MHSR | 14 |
| MIVC | 7 |
| MFJ | 2 |
| MSAA | 2 |
| MSPC | 7 |
| OPM | 24 |
| OPR | 14 |

Seduta 77
17/01/2023

**MEDIĊINA PIRFENIDONE**

**5206. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-mediċina Pirfenidone (Tablets) IP 400mg tkun intodotta fil-formularju tal-Gvern?

13/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-mediċina Pirfenidone qiegħda fil-proċess li tkun inkluża fuq il-formolarju tal-Gvern.

Seduta 77
17/01/2023